MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 729/2015/1

**Union Haddiema Maghqudin**

***kontra***

**Direttur tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Ir-rikorrent ipprezenta rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fis-6 ta` Mejju 2015.

Fis-6 ta` Mejju 2015, din il-Qorti tat digriet fejn, wara li rat ir-rikors, ordnat in-notifika lill-intimat, taghtu ghaxart (10) ijiem zmien sabiex jipprezenta risposta bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 19 ta` Mejju 2015 fid-9.00 a.m.

L-intimat kien notifikat fis-7 ta` Mejju 2015 u pprezenta risposta bil-miktub fil-15 ta` Mejju 2015.

Ir-rikors kien trattat fis-seduta tad-19 ta` Mejju 2015.

Wara li sar is-smigh, ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrenti **talbet** lill-Qorti biex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex :-

*id-Direttur Responsabbli ghall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jew nies imqabbda minnu milli jikkonducu process ta` verifika ta` gharfien trejunjonistiku f`parti minn klassi hekk imsejha ta` "social work" fi hdan is-Servizz Pubbliku u dan ghaliex tali verifika ma tkunx qed issir ai termini tal-Kawsoli 7.2 tal-Ftehim Kollettiv vigenti ghall-impjegati tas-Servizz Pubbliku*

## III. Sintesi tal-ilment tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti tikkontendi bejn il-unions (inkluza hi) u l-Gvern, hemm fis-sehh Ftehim Kollettiv li kien iffirmat fil-15 ta` Ottubru 2012 (Dok UMH1). Il-Ftehim ikopri l-perijodu ta` bejn l-1 ta` Jannar 2011 u l-31 ta` Dicembru 2016.

L-ilment taghha jirrigwarda dawk il-haddiema li huma mpjegati fil-klassi ta` *social work* fis-servizz pubbliku. Tghid illi huwa operattiv ukoll ftehim settorjali (Dok UHM2) li jikkoncerna s-*social work class.*

Ir-rikorrenti tilmenta li l-Union tal-Infermiera u l-Qwiebel (MUMN) talbet li jsir process ta` verifika ta` shubija tal-haddiema fil-unions li jkun limitat biss ghas-social workers u mhux estiz ghall-haddiema kollha fil-klassi ta` *social work.*

Skond ir-rikorrenti, il-Ministeru Responsabbli mir-Relazzjonijiet Industrijali accetta it-talba tal-MUMN u hatar zewg persuni biex imexxu l-process ta` verifika.

Ir-rikorrenti mhux biss ikkontestat il-validita` tal-process ta` verifika mniedi mill-Ministeru de quo, izda oggezzjonat ukoll ghall-persuni li kienu maghzula biex jikkonducu l-process ta` verifika (Dok UHM3).

**IV. <u>Sintesi tad-difiza tal-intimat</u>**

L-intimat ighid illi d-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali jokkupa l-kariga ta` Registratur tat-Trade Unions skond l-Art 52(2) tal-Kap 452. Ir-Registratur tat-Trade Unions ghandu l-funzjoni li jaghmel process ta` verifika.

L-intimat jikkontendi li l-qasam tas-*social worker class in the public service* kien ristruttrat tant li kien konkluz ftehim bejn il-Gvern, il-union rikorrenti u l-General Workers` Union fit-3 ta` Ottubru 2001 li rregola l-professjoni tas-*social workers*. Wara li sar il-Ftehim Kollettiv tal-haddiema tas-servizz pubbliku tal-15 ta` Ottubru 2012 (Dok UHM1) sar ukoll *addendum* fit-30 ta` April 2014 dwar il-professjoni tas-*social workers* (fol 30 - Dok UHM2)

L-intimat jikkonferma illi l-MUMN talbet li tinghata rikonoxximent bhala union tas-*social workers* professjonisti.

L-intimat jikkontendi li l-ftehim settorjali tal-11 ta` Lulju 1995 (fol 28 - Dok UHM2) jirrigwarda biss il-haddiema mpjegati bhala *social work support service* mhux is-*social workers*. Hemm differenza sostanzjali fil-gradi bejn iz-zewg kategoriji ta` haddiema.

Ighid illi l-verifika li ntalbet li ssir tolqot biss u esklussivament is-*social workers* li huma settur specifiku. Anke abbazi tal-Ftehim Kollettiv li qieghed fis-sehh, union ghandha d-dritt titlob process ta` verifika ta` settur partikolari.

Skond l-intimat, is-*social work support staff* u s-*social workers* huma klassijiet distinti ta` haddiema li huma regolati bi ftehim settorjali distinti ; tal-ewwel huma regolati bil-ftehim tal-1995 waqt li s-*social workers* huma regolati bil-ftehim tal-2001 u l-*addendum* tal-2014.

Ghalhekk kellu dritt jipprocedi bil-process ta` verifika kif rikjest mill-MUMN.

**V.** **L-Art 873 tal-Kap 12**

**Skond is-subinciz (1)** :–

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**Skond is-subinciz (2)** :–

*Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mela **in linea generali**, tnejn huma l-elementi li rikorrent irid jissodisfa :-

1) irid juri li l-mandat huwa **mehtieg** sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ;

2) irid jipprova li ***prima facie*** ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

*...* ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Iz-zewg elementi fuq riferiti huma in linea generali. Izda fejn il-Mandat ikun qed jintalab li johrog *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha* [**Art 873(3**)] l-elementi minn tnejn isiru tlieta u cioe` :–

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-*

*pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, l-intimat tramite rapprezentant tieghu ghamel id-dikjarazzjoni fil-miftuh prevista mill-Art 873(3) tal-Kap 12.

Fil-kuntest tat-**tielet element** li jrid jikkonkorri fil-kaz ta` Mandat *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha*, partikolarment l-element tal-*pregudizzju*, ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

**VI. Konsiderazzjonijiet**

**L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.**

**Ghalhekk li sejra taghmel il-Qorti huwa li tistharreg jekk jirrizultax il-jedd *prima facie*. Jekk dan il-jedd jirrizulta, allura tghaddi sabiex tqis ir-rekwiziti l-ohra ; jekk dak ir-rekwizit ma jirrizultax, allura ma jkunx hemm htiega li tqis l-elementi l-ohra.**

Ir-rikorrenti tirreferi ghall-Ftehim Kollettiv (Dok UHM1).

Fis-sentenza taghha tas-27 ta` Frar 2009 fil-kawza "**Silvio vs Corinthia Palace Company Limited**" il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk dwar in-natura guridika ta' l-ftehim kollettiv :-

*Il-Ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b'mod generali r-rapporti tax-xoghol ta' kategorija ta' haddiema bl-intervent tal-Union li tirrapprezentahom. Huwa kuntratt importanti hafna mhux biss ghal kontenut tal-kondizzjonijiet tax-xoghol pattwiti fih imma ghaliex, fundamentalment, dawk l-istess kondizzjonijiet u d-dixxiplini l-ohra tieghu ghandhom jitqiesu r-regoli ta' gudizzju li jridu jigu assunti meta tinsorgi xi kwestjoni jew problema bejn l-interessati.*

Il-pretensjoni principali tar-rikorrenti ddur mal-Klawsola 7.2 tal-Ftehim Kollettiv illi tghid :-

***Without prejudice to clause 7.3*** *in cases where a class of employees is already regulated by a sectorial agreement, its original signatories shall be respected for all intents and purposes of the same sectorial agreeement.* (enfasi u sottolinear tal-qorti).

Il-kontestazzjoni tal-intimat dwar l-illegittimita` tar-raguni li qeghda ggib ir-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat hija l-Klawsola 7.3. tal-istess Ftehim Kollettiv li tghid :-

*Any union may request sole recognition for any sectorial agreement presently in force ...*

Il-ftehim settorjali li, skond ir-rikorrenti, jirregola s-*social work* ***class*** (enfasi u sottolinear tal-qorti) huwa l-ftehim tal-11 ta` Lulju 1995 bl-*addendum* tat-30 ta` April 2014.

**Fil-fehma meqjusa ta` din il-Qorti, ir-rikorrenti m`ghandhiex jedd *prima facie* li tghid illi s-*social work class* kollha hija regolata b`dawk iz-zewg ftehim settorjali**.

Mad-daqqa t`ghajn huwa evidenti mill-kontenut tal-ftehim tal-11 ta` Lulju 2015 illi dak ighodd **biss** ghas-*social work* ***support*** *service.* (enfasi ta` din il-qorti) Infatti l-gradi huma :- *Head, Care Centre* (Skala 7) ; *Assistant Head, Care Centre* (Skala 10/9) ; *Senior Care Worker* (Skala 12) ; *Care Worker* (Skala 16/14) ; *Assistant Care Worker* (Skala 17/16).

**Ghalkemm iz-zewg partijiet semmew il-ftehim tat-3 ta` Ottubru 2001, hadd minnhom ma pprezenta bhala prova dan il-ftehim. Ladarba kellha l-oneru tal-prova tal-jedd *prima facie* kien jinkombi fuq ir-rikorrenti tipprova r-relazzjoni bejn il-ftehim tal-11 ta` Lulju 2015 u l-*addendum* tat-30 ta` April 2014.**

Ghalkemm il-partijiet, specjalment ir-rikorrenti, ma pproducewx kopja tal-ftehim tat-3 ta` Ottubru 2001, huwa evidenti mill-*addendum* tat-30 ta` April 2014 illi *prima facie* l-ftehim tat-3 ta` Ottubru 2001 kien jirreferi ghas-*social workers* bhala klassi ghalihom mhux bhala klassi akbar li kienet tinkludi s-*social work support service.* Infatti l-*addendum* ihalli barra ghal kollox lil din tal-ahhar u jittratta **esklussivament** dwar *officers in the social work class* li

huma :-*Principal Social Worker* (Skala 5) *; Senior Social Worker* (Skala 7) *u Social Worker* (Skala 10).

Ma hemm l-ebda paragun bejn il-gradi u l-iskali tas-*social workers support service* u l-*officers tas-social work class.*

Ghal din il-Qorti, irrizulta li *prima facie* l-*officers in the social social work class* huma fi klassi distinta mis-*social workers support service.*

**Dan ifisser li l-MUMN ghandha kull jedd titlob process ta` verifika ta` *union membership* tal-haddiema ghall-fini ta` *union recognition* limitat biss ghall-*officers in the social work class.* U r-rikorrent m`ghandha l-ebda jedd izzomm lill-intimat milli jniedi dak il-process. Ghall-fini tal-procediment tal-lum, huwa rrilevanti jekk ir-rikorrenti ghandhiex fiducja jew le fil-persuni li jmexxu l-process. Ghandha rimedji ohra f`sede ohra jekk issib li kienet trattata ngustament.**

Kif diga` kellha okkazjoni tghid fi procedimenti ohra qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi nbidlet u stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat ghandha jew tintlaqa' jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu</u> ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-

Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.

**Sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-Qorti hija prekluza (*m`ghandhiex*) milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti kollha (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Ladarba ma rrizultax il-jedd *prima facie* ma hemmx htiega ghal din il-Qorti li tqis iz-zewg rekwiziti l-ohra, billi karenti mqar wiehed mir-rekwiziti, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax johrog.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-proceddiment, billi filwaqt li qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tas-6 ta` Mejju 2015 safejn kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat. Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------